# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Frar, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru. 145/00GV**

**Doc. 21-01**

**Axel Johnson International AB**
**vs**
**Aluminium Extrusions Limited.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta;
Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar, 2001;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw ir-rikors.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-25 ta' Jannar, is-socjeta' konvenuta pprezentat rikors fejn infurmaw il-Qorti li fil-mori tal-kawza (rikors) huma pprezentaw citazzjoni kontra l-konvenut (propjament ir-rikorrenti) *ab omissio decisione* (Citaz 2437/00 JRM). Billi skond il-konvenuti l-ezitu ta' tali citazzjoni jista' jincidi fuq il-proceduri odjerni, talbu li din il-Qorti tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-proceduri odjerni pendenti l-ezitu tal-kawza suriferita salv kull provediment li joghgobha taghti.

Ir-rikorrenti opponew din it-talba u l-Qorti llum ser taghti provediment fuq din it-talba.

Biex taghmel dan pero' din il-Qorti bil-fors trid tezamina x'gara s'issa f'dan ir-rikors u x'wassal ghal din it-talba.

Fit-3 ta' Lulju, 2000 l-intimati kienu talbu lill din il-Qorti biex tissospendi l-proceduri sine die sakemm tigi deciza kawza li kienet saret mir-rikorrenti kontra l-garanti u dan billi jekk isir il-hlas mill-garanti, is-socjeta' rikorrenti ma jkolliex interess f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrenti kienu opponew u l-Qorti kienet cahdet it-talba.

L-intimati kienu talbu biex jappellaw mid-digriet u b'digriet tal-24 ta' Lulju, 2000 il-Qorti kienet cahdet it-talba billi ma kienx hemm lok ghall-appell f'dak l-istadju skond l-artikolu 221(1)(n) tal-Kap. 12 (fol. 91 - 2). Dak in-nhar stess il-Qorti kienet ukoll cahdet rikors tal-intimati tad-19 ta' Lulju, 2000 (fol. 89) biex dan ir-rikors jinstemgha mal kawza 1178/00 AJM li saret kontra l-garanti, billi l-Qorti kienet diga' ddecidiet u cahdet talba simili.

*Ad insaputa* ta' din il-Qorti u minghajr awtorizzazjoni taghha sar appell (ara fol. 98) fejn l-intimati talbu lil dik il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Lulju, 2000. Dana l-appell giet cedut b'nota tas-6 ta' Novembru, 2000 fol. 103.

Imbaghad sar ir-rikors odjern li qed jigi deciz illum.

Dwar il-kwistjoni tas-soprasessjoni l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet: "L. Cuschieri vs Onor Prim .Ministru." deciza 12 ta' Awissu, 1994.

<u>Il-konsiderazzjonijiet necessarji:- Is-soprasessjoni fid-Dritt Civili u Kummercjali</u>.

L-eccezzjoni ta' <u>soprasessjoni</u> fis-sens illi l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma' kawza <u>bhala tali</u>, fis-sistema taghna m'hijiex kontemplata, ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici ta' Procedura Civili – Kap. 12 jikkontempla, hija l-eccezzjoni maghrufa bhala *lis alibi pendens* li pero' - kif jidher sewwa mill-artikoli 792 sa 794 - tirriferixxi ghal dik is-sitwazzjoni guridika li tinholoq:-

> "Meta titressaq kawza quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem qorti kompetenti ohra, il-kawza imressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dik il-qorti l-ohra."

kif ighid l-art. 792 Kap. 12.

Hija pacifika u kostanti l-gurisprudenza u d-duttrina illi eccezzjoni ta' litis pendentia tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi kontemporanjament pendenti quddiem il-qrati, li jkollhom it-tnejn l-istess meritu. Meta dan jigri allura jkun jehtieg li z-zewg kawzi jigu konnessi sabiex jigu trattati quddiem l-istess qorti.

Hemm pero', fl-artikolu 965 C u D Kap.12, imsemmija dawk il-kawzi li l-Qorti tissospendi t-trattazzjoni taghhom "sakemm tigi deciza kawza ohra" jew "sakemm xi wahda mill-partijiet taghmel kawza ohra" u dawn il-kazijiet huma konsiderati tant eccezzjonali illi - kif jiddisponi, l-istess artikolu - huma soggetti ghall-perikolu tad-dezerzjoni jekk kemm il-darba l-parti interessata, ma attentatx biex fi zmien qasir tirravviva l-kawza sospiza. Izda jidher car li dawn is-sospensjonijiet huma fakoltattivi ghall-Qorti u mhux obbligatorji u infatti, jibqghu dejjem apprezzabbilment aleatorji u ghalhekk, appena tollerati fis-sistema guridiku, tant illi din il-fakolta' ta' sospensjoni hija msemmija f'dik il-parti tal-Kodici ta' Procedura li titratta mid-dezerzjonijiet prezunti tal-kawzi.

Dan stabbilit, jidher li dan l-aspett ta' fakolta' - u mhux eccezzjoni - li xi organu giudikanti jieqaf mill-mansjonijiet tieghu, giet rikonoxxuta u enfasizzata proprju wara li gie kreat il-Bord li Jirregola l-Kera, u ghalhekk hija partikolarment rilevanti s-sentenza Galea - vs - Gatt tal-Qorti ta' l-Appell.

Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa talba ghas-soprasessjoni biss:

- meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73; )
- meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza ohra Vol XLVI p2 p 591;
- Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju. ;
- Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507).

Tikkunsidra

Fil-kaz in ezami l-kawza li pprezentaw l-intimati hija tentativ iehor biex huma iwaqqfu lill dina l-Qorti milli tisma r-rikors tar-rikorrenti fejn qed jitolbu somma sostanzjali minghand l-intimati.

Illi jkun x'jkun l-ezitu tal-kawza li huma 'ssa pprezentaw, dina bl-ebda mod ma tista' tincidi fuq id-decizjoni li dina l-Qorti tista' taghti fil-mertu tar-rikors, billi t-talba tal-intimati diga' giet konsidrata u michuda aktar minn darba; mhemmx konnessjoni bejn ic-citazzjoni li pprezentaw u dana r-rikors u dina l-Qorti ghandha elementi bizzejjed biex tiddeciedi l-kwistjoni principali u taqta l-eccezzjonijiet tal-intimati indipendentement mit-talba li l-intimati qed jaghmlu quddiem Qorti ohra.

Kif diga nghad aktar fuq is-sospensjonijiet huma fakoltattivi ghall-Qorti u mhux obbligatorji u f'dana l-kaz il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-kaz legalment mhiex tenuta li takkorda s-sospenzjoni apparti l-konsiderazzjonijiet l-ohra li r-rikorrenti qed jigu pregudikati b'dan id-dewmien

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddecidi

billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal 25 ta' Jannar 2001; bl-ispejjez kontra l-intimati; u tiddiferixxi r-rikors ghal kontinwazzjoni ghat-2 ta' Mejju, 2001, fl-10.45 a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**